***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u erbgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 24 ta' Frar 2010 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li rċieva mingħand is-Sinjura Carmen Borg fejn talbet li tiġi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' mard.

Il-Kunsill approva li tiġi skużata.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Is-Sur C. Valletta ppropona mozzjoni biex wara punt numru 9.2 fi "Ħwejjeg ta' Natura Urġenti" jiżdiedu l-kliem:

"9.3 Bankina fi Triq il-Birrerija. Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-bżonn li tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Birrerija. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet meħtieġa ser isiru minn Kuntrattur imqabbad mill-Awtorita dwar it-Trasport.

Is-Sur M. Caruana issekonda.

Ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

3.2 Is-Sur C. Valletta ippropona mozzjoni biex f'punt numru 5.2 wara l-kelma "alternattiva" jidħlu l-kliem "Fuq suġġeriment tas-Sur C. Valletta".

Is-Sinjura J. Bugeja issekondat.

Ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

Wara li saret il-korrezzjoni, il-Minuti tal-mitejn u tnejn u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.3 Il-minuti tal-mitejn u tlieta u sebgħin laqgħa (laqgħa straordinarja) tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Perit u l-*Contracts Manager* tal-Kunsill rigward il-ħruġ tal-offerti għall-aħħar fażi tal-proġett tas-Suq. Is-Sindku spjega li talabhom biex l-offerta titlesta sal-15 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill iddeċieda li jieħu parir dwar jekk hux aħjar jekk l-offerta toħroġ f'biċċiet jew *turnkey*.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu ser issir laqgħa oħra dwar il-propjetajiet li allegatament ġarbu ħsarat waqt it-tħaffir. Is-Sur C. Valletta talab li l-Kuntrattur jiġi imfakkar dwar il-ħsarat tas-Sur Goodlip.

*4.2 Ġemellaġġ Carpineto Romano*

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-Comune di Carpineto Romano biex nistaqsu f'hiex waslu l-preparamenti għall-proġett ta' din is-sena. Il-Kunsill iddeċieda li qabel tintbagħat l-ittra ssir laqgħa mal-membri tal-Kumitat li organizza l-attivita` ta' Mejju tas-sena l-oħra.

*4.3 Ċitazzjonijiet dwar parkeġġ bil-ħin*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jitħejja d-*draft* tal-poster li ser jintbagħat fil-ħwienet.

*4.4 Triq Lord Byron*

Il-Kunsill talab lill-Perit tal-Kunsill iħejji rapport dwar l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti ta' Triq Lord Byron.

Fis-6.15pm s-Sur A. Ellul daħal għal-laqgħa.

*4.5 Sur Salvinu Zammit – Charles Camilleri*

Is-Sur Zammit staqsa kif il-Kunsill m'għandux fondi biex jikkommemora persuna li ngħatat Ġieh il-Ħamrun.

Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Zammit li s-Sur Charles Camilleri ingħata l-ogħla Ġieħ mill-Kunsill. Minkejja dan il-Kunsill ser jikkunsidra biex fil-futur jekk il-finanzi jippermettu jorganizza attivita biex tikkommemora lis-Sur Charles Camilleri.

*4.6 Ġnien Oreste Kirkop*

Il-Kunsill iddeċieda li jinġabru stimi biex tiġi nstallata sistema ta' *CCTV Cameras* fi Ġnien Oreste Kirkop.

*4.7 Fanali*

Is-Sur C. Valletta talab lill-Kunsill biex jikkunsidra jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta fejn jintalbu jqabbdu żewg fanali li għandhom jitwaħħlu mir-residenti fi Triq il-Kbira San Ġużepp mad-dawl tal-*iStreet Lighting*. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta f'dan ir-rigward.

*4.8 Attivita` tal-Karnival fil-Ħamrun*

Il-Viċi Sindku spjega li għall-attivita tal-Karnival kellha tattendi Banda barranija li sfortunatament m'attendietx minħabba li l-instrumenti ma waslulhomx minn barra u għalhekk kien hemm żbilanċ fl-attivita. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jara kif jistgħu jitqassmu aħjar l-attivitajiet waqt is-serata.

Is-Sindku spjega li l-programm tal-attivita` waqa' lura fil-ħin minħabba li xi parteċipanti ġew tard. Huwa żied jgħid li għamel kuntatt mas-Sur George Zahra u s-Sur Sapiano li ilhom involuti fil-Karnival għal diversi snin. Dawn offrew l-għajnuna tagħhom fl-organizazzjoni tal-attivita` għas-sena d-dieħla.

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn membri tal-Kumitat tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn ilmentaw li kien hemm nuqqas ta' attivita` quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu. Is-Sur C. Valletta qal ukoll li milli jidher il-*flyer* ma wasalx kullimkien u li għas-sena d-dieħla għandna nikkonsidraw li jsir palk.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-14 ta' Jannar u l-24 ta' Frar 2010.

*5.1 Residenti – Parkeġġ bil-ħin*

Il-Kunsill irċieva petizzjoni minn residenti tal-viċinanzi tal-grawnd tal-Ħamrun fejn ilmentaw dwar il-problema ta' parkeġġ minħabba l-grawnd. Huma talbu li tiġi introdotta skema ta' parkeġġ bil-ħin fit-toroq tal-viċinanzi tal-grawnd.

*5.2 MEPA – Kwalita tal-Arja fil-Ħamrun*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-MEPA dwar it-tip ta' analiżi tal-arja qed issir mill-MEPA fil-Ħamrun. Ġie deċiż li din l-informazzjoni għandha tiġi nkluża fir-rapport dwar żvilupp sostenibbli.

*5.3 Saint Gaetan Society - Golden Stars Award*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' tifħir mingħand il-Kumitat tas-Saint Gaetan Society, Victoria Awstralja għall-*Golden Stars Award* li rnexxilu jirbaħ il-Kunsill Lokali Ħamrun.

*5.4 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ammonti dovuti mill-Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-AKL ser tippreżenta rikors fil-qorti dwar l-ammonti dovuti mill-Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma lill-Kunsilli Lokali. Il-ħlas dovut lill-Kunsill Lokali Ħamrun huwa ta' madwar €25,991.00.

*5.5 Kunsill Lokali Santa Venera – Sleeping Policeman*

Il-Kunsill Lokali Santa Venera rċieva talbiet biex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Ġużè Pace, Ħamrun kantuniera ma' Triq il-Lunzjata Santa Venera. Talba f'dan ir-rigward saret ukoll mir-residenti fi Triq Ġużè Pace, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi talba lill-Awtorita dwar it-Trasport.

5.6 *Awtorita dwar it-Trasport – Bollards u Sleeping Policeman*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-ADT fejn spjegaw li numru ta' ħadid fil-Ħamrun mil-lista oriġinali iridu jinqalgħu, kif ukoll iridu jinqalgħu l-*isleeping policeman* tal-lastiku sabiex jitneħħa l-*enforcement*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lill-Perit Lara Demicoli fejn din ta' l-aħħar assigurat li hemm madwar 32 Kunsill li għandhom *enforcement*. Il-Kunsill iddeċieda li f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitneħħew l-ħadid u *sleeping policeman* identifikati mill-ADT.

*5.7 Rosalie Darmanin – Tibdil fil-ħin tal-Un/Loading*

Is-Sinjura Darmanin talbet biex isir tibdil fil-ħin tal-*Un/Loading bay* li hemm quddiem il-ħanut "Rosalie" fi Triq Kappillan Mifsud. Hija talbet biex il-ħin ikun bejn id-9.00am – 1.00pm u l-4.00pm – 7.00pm. Ġie deċiż li din it-talba tiġi referuta lill-ADT.

*5.8 1st Ħamrun Scout Group – Ħlasijiet għas-servizzi*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-1st Ħamrun Scout Group fejn talbu l-ħlas għat-tqassim tal-fuljett tal-Kunsill ta' €317.46 għal żewġ ħarġiet u għas-servizz tal-użu tal-*Headquarters* matul l-attivita taċ-Ċikkulata. Ġie deċiż li jiġi assigurat li ser jiġu provduti riċevuti fiskali qabel isir il-ħlas.

*5.9 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Motor Cycle Bays fi Triq Vinċenzo Bugeja*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li s-Sinjura Tania Barbara bagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tlett *Motor Cycle Bays* li hemm ħdejn xulxin fi Triq Ċensu Bugeja kantuniera ma' Triq il-Kappillan Mifsud. Id-Dipartiment talab spjegazzjoni tal-Kunsill rigward it-tlett *Motor Cycle Bays*. Il-Kunsill iddeċieda li jinvestiga dan ir-rapport u f'każ li m'hemmx permessi f'dan ir-rigward, jitneħħew tnejn mill-*Motor Cycle Bays*.

*5.10 Gwardjan Lokali 555*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Uffiċjal Awtorizzat li nħarġu struzzjonijiet lill-Kumpanija tal-Gwardjani Lokali biex Gwardjan Lokali 555 ma jintbagħtx aktar fil-lokalita tal-Ħamrun.

*5.11 Charles Zahra – Kaxxa Safra quddiem garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Zahra fejn informa lill-Kunsill li xtara garaxx numru 5 fi Triq Maitland li ilu magħluq għal diversi snin. Huwa spjega li ser jibda jużu l-garaxx mill-ġdid u għalhekk talab li titneħħa l-*parking bay* li hemm quddiem l-istess garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Koptasin biex jaraw li jitnaqqsu l-inqas numru ta' *parking bays* possibbli.

*5.12 John Peel – Għeluq ta' passaġġ bil-vettura*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Peel fejn ilmenta li vetturi qed jostakolaw il-passaġġ ta' persuni li jkunu niżlin minn Triq Mile End għal Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku spjega li ser ikellem lis-sid il-ħanut ikkonċernat.

*5.13 George Cassar – Ktieb 'Żmien il-Ħsad'*

Il-Kunsill ġie offrut jixtri ktieb bil-Malti 'Żmien il-Ħsad' għal-librerija tal-Lokal għall-prezz ta' €5.00.

Il-Kunsill approva li jixtri l-istess bil-kundizzjoni li jingħata riċevuta fiskali.

*5.14 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali niedi skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fiha attivitajiet fuq skala nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal fondi biex isir il-manutenzjoni ta' Triq il-Kbira San Ġużepp għaż-żjara tal-Papa. Il-Kunsill għandu japplika għall-fondi għall-*patching* u żebgħa tal-marki tal-karreġġata.

*5.15 John Camilleri – Parkeġġ faċċata tal-garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand s-Sur Camilleri fejn spjega li meta jipparkjaw vetturi faċċata tal-garaxx li għandu 18/20 Triq Eldorado ma jkunx jista' jdaħħal jew joħroġ il-vettura tiegħu. Huwa talab biex titneħħa l-*parking bay* faċċata tal-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi t-talba lill-ADT.

*5.16 Dr Malcolm Mifsud – Kontravenzjoni Numru 904-95361-3*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. Mifsud għan-nom tal-klijenta tiegħu s-Sinjura Grace Borg sabiex il-Kunsill jawtorizza li l-ħlas ta' €246.65 isir fi żmien sitt xhur. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.17 MEPA – Wirja ta' Galleriji Tradizzjonali tal-Injam*

Il-MEPA nfurmat lill-Kunsill li tista teżebixxi l-wirja fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali Ħamrun bejn l-14 u l-20 ta' Ġunju 2010.

*5.18 Kap ta' l-Iskola Primarja G.P – Donazzjoni ta' Kotba*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Kap tal-Iskola Primarja G.P fejn talab biex il-Kunsill jagħti donazzjoni ta' ktieb lil kull student ġdid tal-kindergarten. L-ispejjeż involuti m'għandhomx jaċċedu l-€240.00. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li talab il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din it-talba għaliex fl-opinjoni tiegħu tali donazzjoni ma tistax issir.

5.19 *ITS – Upgrade from Partner to Evolution*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li jeħtieġ li ssir bidla fil-*Financial Year* tas-sistema tal-*Accounts* u ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel ukoll *upgrade* minn *Partner* għall-*Evolution*. Il-ħlas relatat huwa ta' €600.00. Il-Kunsill approva li jsir t-tibdil u *upgrades* meħtieġa.

*5.20 Tony Attard - Skart fi Triq Ġużè Pace*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Attard fejn ilmenta dwar l-iskart li qed jintrema ħdejn it-*Telephone Box* li hemm fi Triq Fra Gaetano Pace Forno kantuniera ma' Triq Ġużè Pace. Huwa allega li l-iskart intrema minn persuna mlaqqma 'Tal-Bomba". Ġie deċiż li l-Kunsill iressaq dan ir-rapport lill-Pulizija u lis-Sanita`.

*5.21 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li d-Dipartiment ser jorganizza Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi f'Malta u f'Għawdex bejn is-16 u 17 ta' Novembru 2010. Il-Kunsilli intalbu jinnominaw persuna bħala *contact person* biex tgħin fil-preparamenti meħtieġa, jibgħatu stedina lil lokalitajiet ġemellati magħhom għal din il-konferenza u jistiednu artisti mil-lokal tagħhom u lokalitajiet ġemellati biex jieħdu sehem permezz ta' wirjiet / esebizzjonijiet matul il-jumejn tal-konferenza. Il-Kunsill innomina lis-Sur A. Ellul bħala *contact person*.

*5.22 Transport Malta - Communal Parking for Blue Sticker Badge Holders*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* rċievet talba biex issir *Communal Parking* għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp viċin *'Thomas Pharmacy'*. Huma talbu l-kummenti tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba.

*5.23 Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` - Rampa fi Triq Miġġiani*

Il-KNPD staqsiet lill-Kunsill meta ser titlesta r-rampa fi Triq Miġġiani. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet fuq is-sit ta' Alamango għadhom ma tlestewx u għalhekk ma tistax issir rampa sakemm dawn jitlestew. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Sur Alamango biex jiġi stabbilit meta ser jitlestew ix-xogħlijiet.

*5.24 Liċeo tas-Subien, Ħamrun – Maratona bir-Roti*

Il-Kunsill ġie mistieden biex ikun wieħed mill-*isponsors* ewlenin tal-Maratona bir-Roti li ser issir bejn id-9 u l-11 ta' April b'risq id-Dar tal-Providenza u l-*Hospice Movement* billi jkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni tat-*track*. Ġie deċiż li s-Sindku jiltaqa' mal-organizzaturi biex jara xi spejjez hemm involuti.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

6.1 Sotto Kumitat 1

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tlesta eżerċizzju estensiv ta' *patching* fil-Ħamrun.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-arbli tad-dawl ta' Ġnien Oreste Kirkop ser jaslu din il-ġimgħa u ser jitlesta l-bażi tal-bust ta' Oreste Kirkop.

- Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta infetħet il-kaxxa tal-offerti għall-Kuntratt tal-Knis instabu erba' offerti. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, Dr J. Abela, s-Sur A. Ellul u Dr P. Mifsud Bonnici nħatru membri tal-Bord tal-Għażla biex jevelwaw l-offerti li daħlu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mal-Kuntrattur li tqabbad mingħand *Transport Malta* biex jippavimenta Triq il-Birrerija. Dr. P. Mifsud Bonnici intalbet biex tivverifika ma *Transport Malta* meta ser isiru Triq Eugenio Borg u Triq Wenzu Dyer.

6.2 Sotto Kumitat 7

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat li Dr. Deidun mhux ser ikun jista' jassisti l-Kunsill fil-Qasam tal-Ambjent tar-rapport dwar Żvilupp Sostenibbli minħabba impenji oħra. Huwa lest li jissuġġerixxi persuni oħra f'dan ir-rigward.

Fit-8.15pm u s-Sinjura J. Bugeja ġiet skużata mil-laqgħa.

6.3 Sotto Kumitat 4

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu ma' rappreżentanta tal-Kumpanija Chemimart. Dawn urew interess li jorganizzaw laqgħat informattivi flimkien mal-Kunsill relatati mal-qasam tas-saħħa partikolarment in-nutrizzjoni.

- Is-Sur M. Caruana talab lill-Kunsilliera biex minn irid jippubblika artiklu fil-fuljett tal-Kunsill għandu jippreżenta l-artiklu tiegħu sat-tielet ġimgħa ta' Marzu.

## 7. Laqgħa tal-Lokalita`

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-Minuti tal-laqgħa tal-lokalita` (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament l-istess minuti tal-laqgħa tal-lokalita`.

## 8. Jum il-Ħamrun

- Ġie deċiż li fil-laqgħa li ġejja l-Kunsilliera joħorġu biex proposti għal bdil fl-għoti ta' Ġieħ il-Ħamrun. Kopja tar-regolamenti eżistenti għandu jintbgħat lill-Kunsilliera.

- Ġie deċiż li għal Jum il-Ħamrun issir attivita` pubblika fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

## 9. Kuntratt għas-Servizz ta' Ġbir ta' Skart Imħallat mid-Djar

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li qed jiffinalizza d-dokument tat-tender għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Imħallat mid-Djar. Huwa spjega li l-*policy* tal-Gvern kien li jinkoraġġixxi s-separazzjoni tal-iskart u għalhekk kien propost li fil-ġranet li jinġabar skart separat ma jinġabarx skart imħallat mid-djar.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li nhar ta' Tlieta jibda jinġabar biss skart separat mid-djar u l-ħwienet.

## 10. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-24 ta' Frar 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 11. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2010.

| ____________________ | ____________________ |
|---|---|
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

____________________

DATA